KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 37** **IS-SITT KUNSILL**

Is-sebgħa u tletin seduta (37) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **l-Erbgħa 11 ta` Mejju, 2011** fis-5.53 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Nicolai Gauci, u Patrick Pace (*6 ta' filgħaxija*).

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsilliera Sandra Camilleri Martin Debono, Nikki Dimech u Julian Galea avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsilliera msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Graziella Enriquez.

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi diskuss issa *item* numru tlieta (3) tal-aġenda.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku ressqet korrispondenza dwar problema ta' parkeġġ f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li jinforma lil dan ir-resident li l-kaxxi ħodor ma jistgħux isiru iżda li l-Kunsill kien qed jaħdem biex jintroduċi r-*Residential Parking Zones* f'Tas-Sliema.

3.1.1 F'dan l-istadju kien hemm diskussjoni dwar ir-*Residential Parking*. Is-Sindku qalet li wara l-Avviż Legali 200/2009 ppreżentat mis-Segretarju Eżekuttiv f'laqgħa informali dwar l-istess suġġett ma kien ħareġ l-ebda Avviż Legali ieħor. Spjegat illi dan għaliex kien hemm kawża pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Is-Sindku spjegat li ladarba ħareġ dan l-Avviż Legali, il-Kunsill kien qiegħed *in breach* jekk ma jimplimentax dan l-Avviż.

3.1.2 Il-Kunsillier Y. Cali qal li ma jaqbilx ma' dan u ma jħossx li l-Kunsill għandu jimplimenta dan l-Avviż Legali.

3.1.3 Is-Sindku pproponit li Uffiċjal mit-Transport Malta għandu jiġi l-Kunsill biex jispjega kif jistgħu jitħaddmu r-*Residential Parking Zones*.

3.2. Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li kif deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kellem il-librara dwar il-kotba li l-Kunsill kien bi ħsiebhu jixtri mingħand il-Wise Owl Publications kif maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Cuschieri qal li l-librara qaltlu li dawn il-kotba ma tantx huma popolari. Il-Kunsill qabel li dawn il-kotba ma jinxtrawx.

3.2.1. Is-Sindku pproponiet li ladarba l-Kunsill iddeċieda li jieħu sehem fl-iskema tad-Dipartiment biex jinxtraw kotba għal-librerija, il-kotba għandhom jinxtraw permezz ta' din l-iskema. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta b'mod unanimu.

3.2.2. Il-Kunsillier E. Cuschieri qal li l-librara infurmatu li kellha bżonn xi xkaffar. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet għall-ixkaffar.

3.3 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza 7769 mingħand il-kumpanija *Once Upon a Time*. Wara diskussjoni fit-tul, is-Sindku pproponiet l-attivita' tithalla ssir fi Gnien George Bonello Dupuis fi Qui-Si-Sana u li l-permess jingħata b'kundizzjoni li l-Kunsill jirċievi *site plan* ta' fejn se jkunu l-attivitajiet, li ma jitpoġġewx affarijiet kbar u goffi fil-ġnien, li ma jitpoġġa xejn fuq il-haxix, li tintalab garanzija bankarja u li jintalab l-parir tal-Perit Vassallo biex jagħti parir lill-Kunsill dwar kemm għandha tkun il-garanzija bankarja. Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsillieri N. Gauci, E. Cuschieri, Y. Cali u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina astjeniet. Il-pagament għadda b'sitt (6) voti favur.

3.4 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza 7862 mingħand it-Transport Malta dwar il-*loading/unloading bays* ta' quddiem il-fran. Is-Sindku qalet li b'risposta għal korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill mit-TM

wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, it-TM wiegbet lura li ma tistax issir rikonsiderazzjoni għaliex hija l-politika tat-TM li l-fran ma jkollhomx *loading/unloading bays.* Is-Sindku pproponit li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru kkonċernat dwar dan il-każ. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

***Is-Sindku ġiet skużata li toħroġ mis-seduta fis-6.28 ta' filgħaxija.***

Is-seduta kompliet tiġi ppreseduta mill- Viċi Sindku.

3.5 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza mill-Malta Horticultural Society għal parteċipazzjoni fil-*Great Spring Show* fil-ġonna ta' San Anton. Il-Viċi Sindku propona li l-Kunsill iħallas l-ispiża ta' EUR28 għal parteċipazzjoni tal-Kunsill f'din l-attivita' kif ukoll biex jinxtara bukkett. Il-Kunsillier E. Cuschieri issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.6 *Fuq domanda tal-Viċi Sindku dwar il-ħruġ ta' bye-laws, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bye-laws inkitbu kollha barra waħda dwar riklamar kummerċjali, bil-kollarorazzjoni tal-avukat tal-Kunsill.*

3.7 Tressqet għad-diskussjoni korrispondenza 7523 mill-kumapnija Streetcom biex jitwaħħlu *Multi-Sits* b'reklamar fuqhom f'Tas-Sliema. Il-Kunsill ma laqgħax din it-talba b'mod unanimu.

***Is-Sindku daħlet lura għas-seduta fis-6.32 ta' filgħaxija u kompliet tippresjiedi s-seduta.***

3.8 Tressqet għad-diskussjoni Memo 43/2011 mid-Dipartiment Gvern Lokali dwar skemi ta' finanzjament speċjali għas-sena 2011/2012. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsilliera kollha għandhom jipproponu l-ideat tagħhom sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**4. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni: skeda ta' pagamenti**

4.1 Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati.

4.2 Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-pagamenti minn referenza numru 458 sa referenza numru 489.

4.3 F'dan l-istadju kien innutat li l-pagament bir-referenza numru 490 kien ġie ikkanċellat minħabba li l-Kunsill ma kienx se jintalab iħallas għal dan is-servizz mill-Koperattiva Tabelli u Sinjali.

4.4 Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-pagamenti bir-referenza numru 491.

4.5 Ġew imressqa għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill pagamenti f'isem Polidano Group għal bankini fi Triq Għar il-Lembi, Triq Sant'Elena u Triq il-Kulleġġ l-Antik, u għall-asfaltar ta' Triq Sant' Enriku u Triq il-Kulleġġ l-Antik.

4.5.1 Minħabba li s-sena precedenti l-Kunsill ħallas *on account* għall-bankini ta' Triq Għar il-Lembi u Triq il-Kulleġġ l-Antik u allura ħallas aktar milli kienu ccertifakti t-Toroq, il-Kunsill qabel li dan il-ħlas zejjed għandu jitnaqqas minn Triq Sant' Enriku. Għalhekk il-bilanc fuq Triq Sant'Entiku għandu jkun ta' EUR5,996.59.

4.5.2 Is-Sindku pproponit li Triq Sant' Enriku ma titħallasx għalissa minħabba li għadhom qed jidħlu rapporti ta' problemi fis-sistema tad-dranaġġ. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

4.5.3 Is-Sindku pproponit li jitħallas l-ammont ta' EUR20,852.01 fuq Triq Sant'Elena. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsillieri N. Gauci, E. Cuschieri, Y. Cali u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina astjeniet. Il-pagament għadda b'sitt (6) voti favur.

4.5.4 Dwar xogħol ta' asfaltar fi Triq il-Kulleġġ l-Antik, il-Kunsillier Y. Cali qal li l-Kunsill għandu jivverifika jekk din il-parti tat-triq taqax fil-konfini tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema qabel ma jsir il-pagament. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' dan.

## 5. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni: kwotazzjonijiet

5.1 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għall-*planters* biex jitpoġġew quddiem l-għassa. Il-prezz totali kien ta' EUR241.85 (DOK 'A' mehmuż). Is-Sindku spjegat li dawn kienu parti mill-progett ta' tisbiħ tal-bankina fi Triq Rodolfu. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu ma' din il-proposta.

5.2 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għal xkaffar fuq ir-raft mingħand il-kumpanija Storage Systems Ltd. Qalet li l-Kunsill diġa' xtara dan it-tip tal-ixkaffar u li hemm bżonn ta' żewġ settijiet oħra għal prezz ta' EUR740 (DOK 'B' mehmuż). Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b' mod unanimu ma' din il-proposta.

5.3 Il-Kunsill iddiskuta l-assikurazzjoni tal-assi tal-Kunsill u tal-impjegati tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kellu jsir eżerċizzju biex ikun stabbilit liema kienet dik il-proprjeta' li setgħet tiġi *written off* u li għalhekk ma tkunx inxurjata. Kien spjegat li s-Sur Vella kien offra l-għajnuna tiegħu biex isir dan l-

eżerċizzju. Minħabba li biex tiġġedded l-assikurazzjoni tal-Kunsill il-pagament kien se jeċċedi l-EUR4,658 kien hemm il-ħtieġa li tinħareġ sejħa għall-offerti.

5.3.1 Is-Sindku pproponiet li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-assikurazzjoni tal-Kunsill, liema avviż jagħlaq fi żmien ġimgħa, kif ukoll li ssir estensjoni ta' xahar għall-assikurazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

5.3.2 Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li tinħareg *default notice* lis-Sur Christian Vella minħabba lil-Kunsill ma kienx ingħata żmien biżżejjed biex tinħareġ din l-offerta. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Is-Sindku ivvutat kontra. Il-Viċi Sindku, u il-Kunsilliera E. Cuschieri u N Gauci astjenew. Il-proposta għaddiet b'żewġ voti favur.

5.3.3 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera biex ikunu preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill għall-aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti.

5.4 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joħroġ sejħa għal kwotazzjoni għad-distribuzzjoni bieb bieb ta' marterjal tal-Kunsill. Il- Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**1. Approvazzjoni tal-minuti**

1.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni l-minuti pendenti mis-seduti preċedenti.

1.2 Il-minuti kollha ġew meħuda bħala moqrija

1.3 **Minuti numru 27 tal-20 ta' Jannar 2011**

1.3.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Kunsillier N. Gauci ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-minuti tal-20 ta' Jannar 2011.

1.4 **Minuti numru 27 tal-24 ta' Jannar 2011**

1.4.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsillier N. Gauci ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-minuti tal-24 ta' Jannar 2011.

1.5 **Minuti numru 27 tal-26 ta' Jannar 2011**

1.5.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera N.Gauci, E. Cuschieri u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali u M. Aquilina astjenew. Il-minuti ġew approvati b'ħames (5) voti favur.

1.6 **Minuti numru 26 *ad hoc* 27 ta' Jannar 2011**

1.6.1 Il-Kunsillier M. Aquilina ressqet emenda biex titnizzel bhala skuzata u mhux assenti minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsillier N. Gauci ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-emenda.

1.6.2 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda biex jitnizzel bhala skuzat u mhux assenti minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-emenda.

1.6.3 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati b'dawn iż-żewġ emendi. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsillier E. Cuschieri ivvota favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, N. Gauci u P.Pace astjenew. Il-minuti ġew approvati bi tliet (3) voti favur.

1.7 **Minuti numru 27 4 ta' Frar 2011**

1.7.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina E. Cuschieri u N.Gauci ivvutaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali u P. Pace astjenew. Il-minuti ġew approvati b'ħames (5) voti favur.

1.8 **Minuti numru 33 6 ta' April 2011**

1.8.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina u N.Gauci astjenew. Il-minuti ġew approvati b'ħames (5) voti favur.

1.9 **Minuti numru 36 14 ta' April 2011**

1.9.1 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda biex jitnizzel bhala skuzat u mhux assenti minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-emenda.

1.9.2 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati b'din l-emenda. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-minuti kif emendati tal-14 ta' April 2011.

1.9.3 *F'dan l-istadju is-Sindku qalet illi mhijiex se taċċetta iżjed illi l-kunsilliera ma jibgħatux korrispondenza lil Kunsill meta ma jkunux se jattendu għal-laqgħat.*

***Il-Kunsillier P. Pace ħareġ mis-seduta fis-7.48 ta' filgħaxija.***

**1.10 <u>Minuti numru 34A ad hoc 26 ta' April 2011</u>**

1.10.1 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda biex jitnizzel bhala skuzat u mhux assenti minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-emenda.

1.10.2 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati b'din l-emenda. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina u Y. Cali vvutaw favur. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier N.Gauci astjenew. Il-minuti ġew approvati b'erba' (4) voti favur.

**1.11 <u>Minuti numru 35 26 ta' April 2011</u>**

1.11.1 Il-Kunsillier N. Gauci ressaq emenda biex jitnizzel bhala skuzat u mhux assenti minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsillier M. Aquilina ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-emenda.

1.11.1 Is-Sindku pproponit li dawn il-minuti jiġu approvati b'din l-emenda. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina u Y. Cali vvutaw favur. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier N.Gauci astjenew. Il-minuti ġew approvati b'erba' (4) voti favur.

**7. Affarijiet oħra**

7.1 Il-Kunsillier N. Gauci jipproponi li ssir attivita għaż-żgħażagħ matul il-ġurnata kollha. Kien hemm qbil unanimu tal-Kunsill li l-Kunsillier Gauci għandu jipprepara programm t'attivitajiet u jippreżentah fil-laqgħa li jmiss.

7.2 Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li l-Kunsill jerġa' jikteb lill-Mepa biex joġġezzjona għall-iżvilupp tal-Exiles. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7.3 Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Mepa biex jivverifika jekk il- ħajt fuq il-bankina quddiem il-Lukanda Tower Palace inbeniex skont il-permess maħruġ mill-MEPA. Il-Kunsil qabel b'mod unanimu dwar dan.

***Il-laqgħa ntemmet fit- 20.03 ta' filgħaxija.***

***Il-Kunsill aġġorna għal 25 ta' Mejju 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.***

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum Il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2011.
(jum) (data) (xahar)